# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.14: Aħna ċirku wieħed**



**L-Għanijiet:**

It-tfal:

a) Japprezzaw il-fatt li fid-dinja jeżistu tfal oħrajn.

b) Jagħrfu d-differenzi u dak li jgħaqqadhom flimkien ma' dawn it-tfal.

c) Jesperjenzaw x'jistgħu jagħmlu biex jgħinu lil dawk fil-bogħod.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint mil-lezzjoni ta' qabel tal-għaqda bejn kulħadd

- Barney – *I love you*

http://www.youtube.com/watch?v=KmpMO2dJQ6Q

- Il-*Powerpoint* – L-Ambjent



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Erġa' uri l-*powerpoint* ta' tfal f'ċirku wieħed.
- Irrevedi dak li kien intqal fil-lezzjoni ta' qabel.



- Oħroġ il-punt tal-importanza tal-għaqda bejnietna bħala wlied l-istess Missier.
- Ħalli lit-tfal jesprimu lilhom infushom dwar xi ħsibijiet iħaddnu dwar din l-għaqda li għandu jkun hemm bejnietna.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Spjega u oħroġ dawn il-punti saljenti:

1. Kull persuna hija maħluqa minn Alla u allura jistħoqilha rispett.
2. Alla ħalaqna ndaqs u allura aħna niffurmaw ċirku wieħed, iċ-ċirku tal-bnedmin.
3. Xi kultant bl-azzjonijiet tagħna naqsmu dan iċ-ċirku u jinħoloq il-ġlied u l-pika u l-mibgħeda bejnietna.
4. Kemm hu sew li naraw dak li jgħaqqadna u mhux dak li jifridna.
5. Stieden lit-tfal issemmghu affarijiet li jgħaqqduna u oħrajn li jifirduna

- Semma d-diska ta' Barney: I love you.
  http://www.youtube.com/watch?v=KmpMO2dJQ6Q
- Ara x'jogħġobhom mid-diska u ara x'punti jistgħu joħorġu minnha t-tfal.
- Uri lit-tfal il-*powerpoint* fejn ser jidher ċar id-differenza bejn kif ngħixu aħna u kif jgħixu nies tat-tielet dinja.
- Ħalli t-tfal jaraw dan il-*powerpoint* u jitkellmu dwar x'laqathom.
- Oħroġ il-punt tal-importanza li nużaw bil-qies l-ilma u r-riżorsi l-oħra naturali għax meta qed naħlu xi ħadd ieħor fid-dinja qed ibgħati minħabba dan.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Kull persuna hija maħluqa minn Alla u allura jistħoqilha rispett.
2. Alla ħalaqna ndaqs u allura aħna niffurmaw ċirku wieħed, iċ-ċirku tal-bnedmin.
3. Xi kultant bl-azzjonijiet tagħna naqsmu dan iċ-ċirku u jinħoloq il-ġlied u l-pika u l-mibgħeda bejnietna.
4. Kemm hu sew li naraw dak li jgħaqqadna u mhux dak li jifridna.
5. Nuża bil-qies l-ilma u r-riżorsi l-oħra naturali għax meta qed naħlu xi ħadd ieħor fid-dinja qed ibati minħabba dan.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




- L-ambjent hu rigal għal kulħadd; tajjeb li nieħu ħsiebu ħalli kulħadd igawdi minnu.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Vidjow-klipp ta' Barney: *I Love You Song*

  http://www.youtube.com/watch?v=KmpMO2dJQ6Q



**Nitolbu**

Ġesu', hawn tfal fid-dinja li qed ibatu minħabba nuqqas ta' ilma u ta' ikel. Għinni nuża dak li għandi tajjeb u ma naħlix u ngħin mill-aħjar li nista' lil dawn it-tfal.

